**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima, LL.D.**

**Appell Nru: 260/2021**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Nicola Farrugia**

Illum, 29 ta' April 2022

Il-Qorti;

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant, Nicola Farrugia, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 319260M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

1. Bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, ġiegħel bl-awtorita' tiegħu nnifsu lil xi ħadd iħallas dejn, jew jeżegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun, jew fixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu, jew ħatt bini, jew kiser il-mixi tal-ilma jew ħa l-ilma, jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, indaħal fi hwejjeġ ħaddieħor (Kap. 9 Artikolu 85).
2. Għamel, ġiegħel, jew ħalla li jsiru ħsejjes daqshekk qawwija li jdejqu lid-detentur jew lill-persuna/i li toqgħod f'bini fil-qrib (Kap. 10 Art. 41(2)).
3. Ġab ruħu b'mod li kien jaf jew missu kien jaf li ser jagħti fastidju lil Stephania Carabott u Carmel Magro (Kap. 9 Art. 251A (1)(b)).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-13 ta' Lulju, 2021, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 85 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabitu ħati tal-ewwel imputazzjoni u kkundannatu multa ta' mitejn (€200) ewro.

Inoltre l-Qorti ordnat lill-ħati biex ineħħi l-affarijiet kollha li jinsabu fil-passaġġ quddiem il-kamra tiegħu u dik ta' Carmelo Magro u jħalli dan il-passaġġ/sqaq liberu u dan sabiex iħalli l-jedd ta' passaġġ bil-vettura lill-istess kwerelanti Mangion u Carabott u dan fi zmien ħmistax (15)-il ġurnata u dan bl-applikazzjoni tal-Artikolu 377(3) tal-Kodiċi Kriminali, taħt ammenda ta' għaxar ewro (€10) kuljum ghal kull ġurnata ta' ritard. Il-Qorti għamlitha ċara li anke l-parte ċivile hija obbligata li tħalli dan l-isqaq liberu.

Rat ir-rikors tal-appellant, Nicola Farrugia, ppreżentat fis-27 ta' Lulju, 2021, fejn talab lil din l-Qorti:

i) Tannulla s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar it-13 ta' Lulju, 2021 per Maġistrat Joe Mifsud fl-ismijiet premessi u dan bl-akkoljiment tal-ewwel aggravju, jew f'każ illi din il-Qorti ma taqbilx mal-imsemmi aggravju allura;
ii) Minghjar pregudizzju u sussidjarament, tvarja is-sentenza fl-ismijiet premessi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar it-13 ta' Lulju, 2021 per Maġistrat Joe Mifsud billi tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn illiberat lill-appellant mit-tieni u t-tielet akkuża, iżda tirrevokaha, tikkanċellaha u tħassarha fejn sabitu ħati tal-ewwel akkuża u ordnat li jneħħi l-affarijiet fi zmien ġimgħatejn mid-data tas-sentenza, u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuża, jew
iii) Alternattivament u mingħajr preġudizzju, bl-akkoljiment tas-sitt aggravju, tvarja dik il-parti tas-sentenza fl-ismijiet premessi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar it-13 ta' Lulju 2021 per Maġistrat Joe Mifsud fejn ġiet inflitta l-piena fis-sens illi titneħħa dik il-parti tas-sentenza fejn iddeċidiet illi f'kaz li ma jitneħħewx l-affarijiet kollha li jinsabu fil-passaġġ quddiem il-boathouses in kwistjoni tiġi applikata fil-konfront tal-appellant ammenda ta' għaxar Ewro kuljum għal kull ġurnata ta' ritard, u tikkonferma l-bqija tas-sentenza.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat is-sentenza preliminari mogħtija fit-28 ta' Jannar 2022 fejn l-ewwel aggravju sollevat mill-appellant ġie miċħud.

Semgħet trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi, sorvolat il-preġudizzjali dwar in-nullilta' tas-sentenza appellata, jifdal biex jiġu trattati l-aggravji rimanenti li b'mod ewlieni huma kollha marbuta mal-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti meta sabet ħtija fl-appellant għall-ewwel imputazzjoni dedotta kontra tiegħu, u ċioe' tar-reat tal-'hekk imsejjaħ *raggion fattasi*. Illi qabel xejn jiġi osservat illi l-Ewwel Qorti fil-fatt ma għamlet ebda apprezzament *di marte proprio* tal-provi in atti u dan għaliex l-uniku konsiderazzjoni li temerġi mis-sentenza appellata hija waħda fejn addottat *in toto* il-konklużjonijiet milħuqa mill-espert legali minnha maħtura li kienet inkarigata sabiex tisma' l-provi u tirrelata dwar l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant. Illi allura aktar minn eżami tal-apprezzament magħmul mill-Ewwel Qorti, irid isir analiżi tal-apprezzament tal-provi magħmul mill-espert legali u tal-konklużjonijiet minnha milħuqa fir-rapport tagħha. Illi għalkemm din il-Qorti fis-sentenza preliminari minnha mogħtija marbuta mal-preġudizzjali imqanqal mill-appellant dwar in-nullita' tas-sentenza appellata, ma laqgħatx dan l-aggravju għar-raġunijiet hemmhekk mogħtija, u għalkemm f'kawżi sommarji il-Qorti ma hijiex tenuta tindika il-mottiv li wassal għad-deċizjoni tagħha, madanakollu kien ikun aktar għaqli għall-Ewwel Qorti illi tisma' l-provi hija stess u tgħaddi għas-sentenza li fiha jkun rifless l-analiżi minnha magħmula ta'dawk il-provi hekk mismugħa milli tistrieħ fuq il-konklużjonijiet tal-espert tal-Qorti mingħajr ebda konsiderazzjonijiet ulterjuri. L-analiżi minnha magħmul tal-ġurisprudenza in materja mingħajr imbagħad ebda indikazzjoni ta' kif dak it-tagħlim ġurisprudenzjali ġie applikat għal każ konkret rimess għal ġudizzju tagħha, ċertament iħalli ħafna *lacunae* fis-sentenza appellata, iktar u iktar meta fis-seduta meta l-espert legali ppreżentat ir-rapport tagħha, ħadd ma deher, bil-Qorti tobbliga lil perit legali tgħaddi kopja tar-rapport tagħha lil partijiet li ġew mistiedna jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub (għalkemm dan baqa' qatt ma sar minn ebda waħda mill-partijiet). Kwindi s-sentenza ma tindirizzax id-difiża li talvolta setgħet tiġi mqanqla mill-appellant u lanqas tieħu kont tat-teżi miġjuba 'il quddiem mill-parti leża.

Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet preliminari u fid-dawl tal-aggravji mqanqla mill-appellant, il-Qorti eżaminat l-Atti Proċesswali minn fejn irriżultalha illi dan il-każ ra t-twelid tiegħu wara li nhar il-11 ta' Marzu 2019, Stephania Carabott u Carmel Magro rrapurtaw l-Għassa ta' Ħaż-Zabbar illi l-appellant kien qed iħalli xi oġġetti fil-passaġġ li jagħti għall-kamra tagħhom ġewwa l-Bajja ta' San Tumas biex b'hekk kien qed ifixkel il-passaġġ liberu għal proprjeta' tagħhom.

L-appellant fl-impunjattiva miġjuba minnu 'il quddiem iqanqal erba' lanjanzi u ċioe' fl-ewwel lok illi ma hemmx provi in atti li kien proprju l-appellant li ostakola il-passaġġ, fit-tieni lok lanqas ma ġie ippruvat illi l-parti offiża kellhom il-pussess esklussiv ta' dan il-passaġġ billi dan huwa fid-dominju pubbliku, fit-tielet lok in-nuqqas ta' provi marbut mal-element formali tar-reat u finalment il-karenza ta' provi illi jindikaw li kien hemm l-użurpazzjoni mill-appellant tas-setgħat tal-awtorita' pubblika.

Illi mir-rapport tal-perit legali jirriżulta is-segwenti apprezzament tal-provi kkumpilati quddiemha:

> **"Mill-provi jirriżulta li nhar il-11 ta' Marzu 2019, il-partner tal-akkużat ħalliet il-karozza fl-isqaq għal lejl sħiħ għax skond hi ma sabitx tipparkja u għalhekk fil-11 ta' Marzu 2019 l-parte civile ma setgħux igħaddu għal boathouse tagħhom sabiex iħottu xi affarijiet minn ġol-vann. Jirriżulta wkoll li l-partijiet ma jitkellmux u li għalhekk fejn il-parte civile avżaw lis-sidien tal-boathouses l-oħra biex fil-11 ta' Marzu 2019 ma jipparkjawx għax ġejja van tħott xi affarijiet għal ġol-boathouse tagħhom, huma ma avzawx lill-akkużat. Dakinhar marru l-għassa jagħmlu rapport u l-pulizija mar magħhom u qal lill-akkużat biex iċaqalqu l-karozza u hekk sar u l-pulizija ta' ċitazzjoni lis-sieħba tal-akkużat Dorianne Bongailas li fuqha kienet liċenzjata talli ngombrat l-isqaq."**

Illi magħmula din l-espożizzjoni tal-provi mfassla mill-perit legali, il-Qorti tistqarr li din il-prova waħedha ma twassalx għal sejbien ta' ħtija fl-appellant għall-ewwel imputazzjoni u dan għaliex huwa evidenti illi fil-jum tal-11 ta' Marzu 2019, l-att materjali ma sarx mill-appellant, iżda mis-sieħba tiegħu Dorianne Bongailas. Illi għalkemm kif tistqarr il-perit legali fir-rapport tagħha l-appellant ippermetta lil Bongailas tingombra il-passaġġ, madanakollu l-liġi ma tikontempla ebda reat kontra

persuna li tippermetti li ssir xi infrazzjoni li minnha jirriżulta r-reat maħsub fl-artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali, kif, per eżempju, jiġri fir-reati ikkontemplati fil-Kapitolu 65 u 104 fejn huwa ħati ta' reat kull minn jippermetti persuna oħra issuq il-vettura tiegħu mingħajr assikurazzjoni jew liċenzja tas-sewqan. *Ubi lex voluit dixit*!

Dan magħdud madanakollu, u wara li eżaminat il-provi li nstemgħu mill-perit legali, jirriżulta illi l-azzjoni penali tmur oltre minn dak li seħħ fil-11 ta' Marzu 2019 u dan billi l-appellant huwa mixli li kkometta r-reat taħt l-artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali f'dan il-jum u ukoll fil-jiem preċedenti. Issa il-parti offiża Stephanie Carabott tixhed illi l-appellant b'mod kontinwu u konsistenti jingombra dan il-passaġġ pubbliku li kull min għandu *boathouse* hemmhekk għandu d-dritt jagħmel użu minnu, sabiex kuntrarjament għal dak li jikkontendi l-appellant fl-aggravji minnu ntentati, ma hemmx dubbju illi l-element tal-pussess jirriżulta ippruvat. Minn naħa tiegħu Carmelo Magro, ukoll kwerelant, jindika illi lanqas fil-jum tal-11 ta' Marzu ma seta' jaċċessa l-isqaq komodament sabiex iħott xi għamara fil-*boathouse* tiegħu u dan anke wara li tneħħiet il-vettura ta' Bongailas, billi kien hemm aktar affarijiet oħra jimblokkaw il-passaġġ. Jidher li l-appellant iħoss illi jista' jagħmel li jrid b'impunita' u kuntrarju għal kull sens ta' buon viċinat iqies li jista' jagħmel użu minn dan l-isqaq daqslikieku huwa tiegħu, tant illi skont ix-xiehda tal-parti leża anke wara li sar ir-rapport lil pulizija l-appellant baqa' jingombra l-passaġġ. Dan huwa ikkonfermat ukoll bix-xiehda ta' Salvu Caruana, kif ukoll mix-xiehda tal-appellant stess u tas-sieħba tiegħu Bongailas, li meta dawn ta'l-aħħar ġew murija r-ritratti eżebiti mill-parti leża jikkonfermaw illi uħud mill-oġġetti li jidhru fir-ritratti jappartjenu lilhom.

Illi imbagħad mill-kuntratt eżebit mill-parti leża u li jinsab eżebit a fol. 209 tal-proċess jirriżulta fil-klawsola numru 8 tiegħu illi l-passaġġ huwa wieħed komuni għal inkwilini tal-*boathouses* li jinsabu f'dan l-isqaq u wkoll li dan ma jistax jiġi ingumbrat. Illi għalhekk minn eżami tal-provi kkumpilati huwa indubitat illi l-appellant ma għandux raġun fil-lanjanzi minnu ventilati u dan għaliex jirriżulta, anke mix-xiehda tiegħu stess, illi huwa regolarment jingombra il-passaġġ bl-oġġetti tiegħu u jekk dan isir anke minn utenti oħra tal-passaġġ, kif jallega, b'daqshekk ma jfissirx illi qed tingħata sembjanza ta' legalita' lil din l-infrazjoni tal-liġi. Dan iwassal lil Qorti għal

konkluzjoni illi anke l-element formali jirriżulta ippruvat, kif jirriżulta ippruvat il-pussess u tgawdija tal-persuni li għandhom *boathouses* f'dan l-isqaq inklużi allura il-parti leża, u li l-appellant qed jużurpa għalih innifsu dawk is-setgħat li għandha biss l-awtorita' pubblika bl-aġir tiegħu. Dan għaliex hija biss l-awtorita' pubblika li għandha is-setgħa tagħti użu u tgawdija esklussiv lill-appellant u mhux li jagħmel użu biss hu b'impunita'.

Għaldaqstant l-aggravji marbuta mal-apprezzament tal-provi qed jiġu kollha miċħuda.

Jifdal biex jiġi trattat l-aħħar aggravju imqanqal mill-appellant marbut mal-kundanna magħmula mill-Ewwel Qorti fit-termini tal-artikolu 377(3) tal-Kodiċi Kriminali u dan meta huwa ġie kkundannat għal ammenda ta' €10 għal kull jum wara il-15-il ġurnata lilu konċess sabiex ineħħi l-affarijiet tiegħu mill-isqaq jekk huwa jonqos milli jottempera ruħu. Jisħaq illi l-Ewwel Qorti ma setatx tinfliġġi din il-piena 'ulterjuri' f'dawn il-proċeduri billi n-nuqqas ta' ottemperanza tal-appellant mas-sentenza iwassal għal kummissjoni ta' reat ieħor li għalih iridu jittieħdu proċeduri oħra separati u li fihom jiġi kkundannat u ma setatx l-Ewwel Qorti tasal għal tali kundanna preventivament.

Illi l-artikolu 377(3) tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi hekk:

> **"Il-qorti tista', ukoll jekk tkun tat xi piena lil min jagħmel ir-reat, tordnalu t-tneħħija ta' kull disordni jew inkonvenjent li bih ikun sar ir-reat, jew, skont iċ-ċirkostanzi, li jikkonforma ruħu mal-liġi, fi żmien, biżżejjed għal dak il-għan iżda f'ebda każ iktar minn tliet xhur mid-data tas-sentenza, li jiġi stabbilit mill-qorti; u, <u>jekk min jagħmel ir-reat jonqos li jħares xi ordni bħal dak fiż-żmien hekk stabbilit, hu jkun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab ħati, ammenda ta' mhux inqas minn erba' euro u sitta u sittin ċenteżmu(4.66) u mhux iżjed minn tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29) għal kull ġurnata li matulha jkompli n-nuqqas wara li jgħaddi l-imsemmi żmien."</u>**

Illi minn qari ta' din id-disposizzjoni tal-liġi, huwa evidenti illi l-appellant għandu raġun f'din l-impunjattiva. Dan għaliex l-Ewwel Qorti ma setgħat qatt tasal għal kundanna b'imposizzjoni ta' ammenda għal reat li għadu ma seħħx. Illi huwa biss fl-

eventwalita' illi l-appellant ma jottemperax ruħu mas-sentenza u ma jneħħiex l-ingombru mill-isqaq fiż-żmien ta' ħmistax-il jum lilu konċess mill-Ewwel Qorti illi huwa jkun ħati tar-reat hemmhekk infraskritt, u dan wara li jittieħdu il-proċeduri opportuni kontra tiegħu fejn hemmhekk ikun hemm il-kundanna għan-nuqqas ta' ottemperanza mal-ordni tal-Qorti, jekk din tiġi ippruvata.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell parzjalment, tgħaddi biex tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn din illiberat lill-appellant mit-tieni u t-tielet imputazzjonijiet u fejn sabitu ħati tal-ewwel imputazzjoni, tikkonfermaha ukoll fejn l-appellant ġie ikkundannat multa ta' €200 kif ukoll fejn a tenur tal-artikolu 377(3) tal-Kodiċi Kriminali ġie ordnat ineħħi l-inkonvenjent fi żmien ħmistax-il jum mid-data tas-sentenza, iżda tirrevokaha fejn huwa ġie misjub ħati ta' ammenda ta' €10 għal kull jum wara l-15-il ġurnata lilu konċess jekk huwa ma jkunx neħħa l-inkonvenjent.

It-terminu ta' ħmistax-il jum konċess lilll-appellant sabiex jitneħħa kull inkonvenjent jew ingombru li jinsab fl-isqaq ġewwa l-Bajja ta' San Tumas għandu jibda jiddekorri mil-lum u fin-nuqqas japplikaw il-provvedimenti tal-Artikolu 377(3) u/jew 377(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur